**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/2019

**It-Tlieta 23 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier **(Dok. 1)**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Ryan Muscat – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

02.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tiġi skużata. **(Dok. 1)** Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba tagħha.

02.1.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/2019.

02.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K8/2019 kif ippreżentati.

02.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.2.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex item 02.7 tiġi diskussa qabel item 02.3.

02.2.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.7 Rapport Finanzjarju Kwart 2 – Perjodu April sa Ġunju 2019.

02.7.1 Is-Sindku Dean Hili, għamel referenza għar-rapport finanzjarju kif ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill Ryan Muscat **(Dok. 2)**, fejn talab lis-sur Muscat biex jagħti l-ispjega tiegħu.

02.7.2 Wara l-ispjega tas-sur Muscat, is-Sindku Dean Hili staqsa lill-membri dwar jekk kienx hemm xi mistoqsijiet u eventwalment talab l-approvazzjoni tar-rapport kif iċċirkolat u ippreżentat.

02.7.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/2095/19/I** Email mingħand l-Istitut tal-Edukazzjoni fejn qed jitolbu li l-iskart jibda jinġabar minn post alternattiv fi Triq Martin Luther King sabiex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku quddiemhom.

02.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2095/19/I** fejn ippropona li l-Istitut għandu jiġi infurmat li l-iskart għandu jinħareġ quddiem il-bieb tagħhom, skond kif elenkat fil-liġi, u dan man-naħa tal-bini tagħhom kif jagħmlu istituzzjonijiet oħra. Dan sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' miżbliet żgħar li jifformaw f'postijiet fejn jintefa` l-iskart mingħajr ma jkun mgħasses minn residenzi jew istituzzjonijiet individwali.

02.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2204/19/I** Email mingħand Luxol Handball Club jistaqsu dwar il-possibilita' ta' ġemellaġġ sportiv u kulturali mal-lokal ta' Erice, mill-Provinċja ta' Trapani fi Sqallija.

02.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2204/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa` mal-Club sabiex jara x'impenn huwa rikjest mill-Klabb u sabiex tiġi esplorata l-possibilità li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

02.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2201/19/I** Email mingħand l-AKL jistaqsu lill-Kunsill meta hemm il-ħsieb l'issir xi attività dwar l-għoti tad-demm fil-lokal.

02.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2201/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkomunika mad-Dipartiment relattiv sabiex tinstab data meta jkun jista` jsir il-Blood Donation fil-lokalità, idealment il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2019, faċċata tal-Knisja f'Misraħ il-Paċi.

02.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2198/19/I** Email mingħand resident fi Pjazza Nazju Falzon jitlob li jsir shade mal-lampa ta' quddiem id-dar tiegħu.

02.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2198/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob il-parir tal-kuntrattur tal-Kunsill biex tiġi esplorata x'possibilitajiet hemm biex jissolva dan l-ilment.

02.3.11 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2274/19/I** Email mingħand Wasteserv dwar il-European Week for Waste Reduction 16 – 24 ta' Novembru 2019.

02.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2274/19/I** fejn ippropona li fid-dawl tal-fatt li fil-lokalità m'għadux jiġi pprovdut is-servizz tal-ġbir tal-ħwejjeġ użati, ikun il-Kunsill li jorganizza ġabra u li dawn il-ħwejjeġ jingħataw lil NGOs, possibbilment dawk li jaħdmu fil-qasam tal-kura tal-annimali u attività oħra tkun relatata mal-ġbir ta' skart riċiklat bl-għajnuna tad-diversi skejjel u entitajiet li hawn fil-lokal fejn kull entita' li tipparteċipa tingħata tifkira, u l-Kunsill jintrabat li jħawwel siġar/arbuxelli skond l-ammont ta' tunellaġġ ta' skart riċiklabbli li jinġabar.

02.3.14 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2267/19/I** Ilment minn resident li joqgħod fi Triq il-Mediterran dwar sewqan eċċessiv fejn qed jitlob li jsiru speed bumps tul it-triq kollha.

02.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2267/19/I** fejn ippropona li r-resident għandu jiġi infurmat li din il-materja ġiet diskussa diversi drabi fil-Kunsill u ripetutament ġie deċiż li dan m'għandux iseħħ, għal diversi raġunijiet, fosthom il-fatt li numru ta' residenti oġġezzjonaw meta preċedentement kienu twaħħlu *road humps*, u li per prinċipju l-Kunsill mhuwiex tal-opinjoni li għandu jkun hemm *road humps* f'toroq prinċipali u mhux sekondarji, minn liema toroq jgħaddu wkoll vetturi tas-servizz pubbliku.

02.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2396/19/I** Email mingħand id-Direttur ta' Genista Research Foundation jofri s-servizzi tiegħu b'konnessjoni ma' proġetti tal-EU Network of Towns, bil-ħlas ikun kopert mill-finanzjament tal-proġett stess.

02.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2396/19/I** fejn ippropona l'in vista tal-emails riċevuti mill-Kunsilliera, l-Kunsill għandu jiltaqa` mas-sur Causon.

02.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.22 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li MEUSAC jipprovdu servizz simili mingħajr ħlas u jkun tajjeb li l-Kunsill jesplora din il-possibilità ukoll.

**46/2354/19/I** Email mingħand il-kumpanija iMovo jippromwovu sistema ta' Customer Care elettronika għall-Kunsill Lokali.

02.3.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2354/19/I** fejn ippropona li Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jiltaqa' mal-kumpanija konċernata biex jesplora dak li qed jiġi propost u jinforma lura lill-Kunsill.

02.3.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2461/19/I** SPI/SCI/13/2019 – Espressjoni t'interess Clean Up The World 2019 **(għeluq 26/07/2019)**

02.3.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2461/19/I** fejn ippropona li jsir kommunikat mal-entitajiet kollha tal-lokal biex issir clean up fuq is-sit Natura2000. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jara x'tip ta' materjal promozzjonali għandu jsir inkluż il-provvista għal 100 persuna (ingwanti, 30 picker, boroż, 10 bins fuq ir-roti)

02.3.27 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.29 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jiġbor stimi biex jiġi nstallat railing dekorattiv mat-taraġ li sar fi Triq Arnhem u mal-passaġġ li hemm fi Ġnien il-21 ta' Settembru bejn Triq Luigi Billion u Triq Patri Indri Vella. Il-kelliem

ippropona wkoll li l-Kunsill għandu jiġbor stima biex isir/jinbidel ir-railing ta' parti minn Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

02.3.30 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.32 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill rapport li x-xogħol tal-bankina li qed issir fi Triq Alamein huwa inaċċettabbli minħabba li l-Kunsill qed jara li hemm diversi postijiet fejn il-konkos qed jinqasam.

02.3.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.35 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob l-għajnuna ta' IM biex il-parkeġġ li hemm bejn l-STC u St Michaels School jingħata wiċċ ġdid tat-tarmak, dan biex ikun kumplimentari mal-proġett li qed jagħmel il-Kunsill fuq il-bdil tal-bankina tul Triq Alamein. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk IM ma jaslux, il-Kunsill għandu jikkunsidra li dan ix-xogħol isir mill-kuntrattur tal-Kunsill skond ir-rati tat-tender.

02.3.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.3.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

02.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 02.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

02.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 18/2019** – Rapport tal-laqgħa dwar Jum Pembroke 2019 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 19/2019** – Rapport tal-intervisti għall-vakanza ta' skrivan/a **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 20/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 06/K7/19 u 02/K8/19 **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 21/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 06/K7/18 u 02/K8/19 **(Dok. 6)**

02.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 20/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

02.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.6 Post vakanti għal-skrivan/a full time fi Skala 15.

02.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-**Internal Memo 19/2019** u korrispondenza referenza **46/2181/19/I** fejn informa lill-Kunsill li l-Bord kien irrakkomanda li l-post vakanti għandu jimtela mill-persuna li kisbet l-għola punteġġ fl-intervisti. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jirratifika l-qbil li diġa kien hemm informalment wara l-ewwel laqgħa tal-Kunsill u għalhekk japprova din ir-rakkomandazzjoni.

02.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.8 European Mobility Week 2019 (għeluq 31/07/2019).

02.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2366/19/I** u **46/2426/19/I** dwar il-European Mobility Week 2019 fejn ippropona li, jekk huwa possibbli minħabba restrizzjoni ta' żmien, il-Kunsill japplika sabiex jibbenefika mill-fond, possibbilment billi tiġi organizzata ġirja bir-roti fil-lokalità, u laqgħa nformattiva dwar l-użu tar-roti u forom alternattivi ta' trasport bl-għajnuna ta' għaqdiet li jippromwovu l-użu tar-roti. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-iskejjel li hemm fi Triq Alamein fejn tiġi diskussa l-possibilità li triq tingħalaq għat-traffiku bi prova (għajr trasport pubbliku u trasport uffiċjali għall-iskejjel) u t-tfal jiġu mħeġġa jiġu l-iskola bir-rota u/jew bil-mixi u fejn il-ġenituri jwaqqfuhom u jiġbruhom mil-Pembroke P&R.

02.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.9 Junior Science Club Animators.

02.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2363/19/I u 46/2365/19/I** fejn ippropona li ladarba l-lecturer ma tistax tkompli tagħti s-servizz, il-Kunsill irid jerġa' jiftaħ l-applikazzjonijiet. Dwar kemm ser tkun il-miżata tal-kors u kemm ser ikun il-ħlas lil-għalliem, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jiltaqa' maċ-Ċentru tax-Xjenza u jintlaħaq ftehim magħhom inkluż li għandu jkun hemm qbil dwar in-numru minimu ta' parteċipanti.

02.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.10 Council web page www.pembroke.gov.mt, social media and live streaming Service.

02.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2356/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiddelega lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex jesplora u jressaq ideat lill-Kunsill dwar l-upgrading tal-web site tal-Kunsill, l-użu aħjar mill-midja soċjali u servizz ta' live streaming ġaladarba huwa jaħdem fil-qasam tal-IT.

02.10.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

02.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.11 db City Centre multi-use development (PA 03807/17 u PA 05533/19.

02.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2294/19/I**, **46/2324/19/I, 46/2344/19/I, 46/2351/19/I, 46/2355/19/I 46/2431/19/I u 46/2458/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill itenni l-oġġezzjonijiet tiegħu għal dak propost abbażi tal-oġġezzjoni konġunta li qed issir mill-Graffitti inkluż ukoll għall-kontenut tal-istqarrija tal-AKL. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill għandu jirringrazzja lill-AKL għas-sostenn fil-każ.

02.11.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.12 Dawl tat-toroq Triq Manuel Buhagiar, Triq Tunis (parti) u off Triq Juno.

02.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għad-deċiżjoni meħuda minn Kunsill preċedenti għall-installazzjoni ta' dawl f'parti minn Triq Tunis u Triq Juno fejn ippropona li l-Kunsill għandu jkompli bil-proċess kif ukoll li l-Kunsill għandu jinstalla, fejn huwa possibbli, dawl mad-djar ta' Triq Manuel Buhagiar u fejn huwa possibbli jitneħħew li hemm jagħtu għall-parapetti u jitpoġġew fuq arbli eżistenti.

02.12.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.13 Infrastruttura għall-Bus Shelters ġodda fi Triq Burma u Triq il-Profs. Walter Ganado.

02.13.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2402/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu joħroġ works order lill-kuntrattur tal-Kunsill biex isir ix-xogħol infrastrutturali li hemm bżonn skond il-permessi miksuba biex jiġu installata 3 Bus Shelters ġodda.

02.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.14 Primary Health Care programme of health educational talks.

02.14.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2345/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Il-kelliem stieden lil-Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex jipprepara poster biex jitqassam fid-djar kollha tal-lokal, fejn in-nies jintalbu japplikaw u l-korsijiet isiru skond il-konkorrenza.

02.14.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.15 Policy dwar applikazzjonijiet u finanzjament ta' għal-skemi u proġetti.

02.15.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-problema li kien hemm dwar l-applikazzjoni SPI/SCI/09/2019 - LC CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità u għall-korrispondenza **46/2361/19/O** fejn ippropona, li għandha tkun policy tal-Kunsill li b'effett immedjat għajr għall-iskemi li ser jagħlqu fil-jiem li ġejja, kull applikazzjoni li jkun ser jissottometti l-Kunsill trid tkun iffinalizzata u maqbula sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel id-data tal-għeluq. Il-kelliem ippropona li fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ma jissottometti ebda proposta li tkun relatat mal-iskema partikulari. Dan sabiex ma jitpoġġiex toqol fuq l-istaff tal-Kunsill li jkollu jħabbat wiċċu ma' deadlines bi pressjoni żejda, apparti x-xogħol ta' kuljum. Għal dan il-għan, il-membri tal-Kunsill qegħdin jiġu mistiedna jagħmlu l-ħsibijiet tagħhom ċari minn kmieni sabiex ikun jista` jibda x-xogħol fuq it-tħejjija tad-dokumenti.

02.15.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.16 Proġett mill-AKL, ADMIN4ALL.

02.16.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2408/19/I** dwar il-proġett ADMIN4ALL (Supporting Social Inclusion of Vulnerable Migrants in Europe) fejn ippropona li jekk ikun hemm min huwa interessat, il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

02.16.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

02.16.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.17 Skema minn fondi tal-LESA għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali.

02.17.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza mingħand l-AKL numri **46/1891/19/I** u **46/2329/19/I** fejn irrimarka li l-Kunsill huwa eliġibbli li japplika għall-fond ta' €11,140.43. Il-kelliem ippropona li dawn il-fondi għandhom jiġu idealment użata għall-attività konnessa mal-Halloween, attività sportiva fil-lokal u l-ħolqien ta' app dwar il-lokal ta' Pembroke inkluż l-upgrading tal-medja soċjali tal-Kunsill li tipprovdi informazzjoni dwar is-siti storiċi fil-lokalità, u oħra ta' nteress.

02.17.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.17.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.18 SPI/SCI/09/2019 - LC CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità.

02.18.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2362/19/O** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika l-qbil li kien hemm li l-Kunsill jipparteċipa

abbażi tal-proposta li kienet iċċirkolata b'email bejn il-membri kollha tal-Kunsill.

02.18.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.18.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.19 SPI/SCI/10/2019 - Skema Finanzjarja Żvilupp ta Libreriji Lokali (għeluq 29/07/2019).

02.19.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2275/19/I** u **46/2428/19/I** fejn ippropona li wara li ssir diskussjoni mal-librara dwar jekk hija tħossx li hemm il-ħtieġa għal tagħmir ieħor fil-librerija, tiġi esplorata l-possibilità li jinxtara *interactive whiteboard* sabiex jiġi nstallat fis-sala tal-Kunsill.

02.19.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.19.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.20 SPI/SCI/11/2019 - Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Lifelong Learning) (għeluq 30/07/2019).

02.20.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2262/19/I** fejn ippropona li wara li kien hemm qbil dwar dan permezz tal-email, il-Kunsill għandu jipprepara minn issa biex is-sena li ġejja jkun f'pożizzjoni li japplika għal dawn il-korsijiet. Il-Kelliem madanakollu żied jgħid li fl-aħħar attentati li saru matul l-aħħar snin, ma kienx hemm konkorrenza u kien għalhekk li dawn il-korsijiet ma ġewx organizzati fil-lokalità.

02.20.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.20.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.21 SPI/SCI/12/2019 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta (għeluq 30/08/2019).

02.21.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2295/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jindika l-Arloġġ ta' Pembroke fejn jintalab l-intervent ukoll tal-Ministru Ian Borg biex isir dawl xieraq li jixgħel il-binja kollha bħala bini storiku. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsill għandu jibda proċess li permezz tiegħu il-Kunsill jagħmel pressjoni sabiex il-binja, tal-anqas, jinstab użu għaliha sabiex tintuża u jkun jista` jsir il-manutenzjoni tagħha minn żmien għal żmien kif jixraq lil sit skedat u ta' valur storiku fil-lokalità.

02.21.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.21.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.22 Laqgħa tal-lokalità kif stabbilit mill-Att.

02.22.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-emendi li daħlu ġodda f'Kapitlu 363 l-Att Gvern Lokali Artiklu 3A li jispeċifika li fi żmien 3 xhur mill-bidu ta'

leġislatura ġdida l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel laqgħa pubblika biex jispjega lir-residenti l-pjan ta' ħames snin ħidma. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li din il-laqgħa għandha issir nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fil-5:30pm.

02.22.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.22.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.23 Tfassil ta' programm ta' xogħol għall-ħames snin li ġejja.

02.23.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għas-suġġett preċedenti fejn ippropona biex sa qabel il-laqgħa li jmiss kull membri tal-Kunsill għandu jressaq il-proposti tiegħu liema proposti għandhom jinkludu wkoll draft estimi biex wara tkun tista' issir diskussjoni dwar liema azzjonijiet u inizjattivi jkunu jistgħu jiġu ikkunsidrata fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill.

02.23.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

02.23.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.24 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

02.24.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 7, 8, 9, 10 u 11)**

02.24.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

02.24.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

02.24.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02.25 Mozzjonijiet.

02.25.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 02.26 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

02.26.1 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona biex il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir fis-1:30pm minflok fis-2:30.

02.26.2 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

02.26.3 Hawn sar kommunikat mall-Kunsillier Désirée Vella Brincat peress li ma kienetx preżenti, fejn hija ikkonfermat li tista''.

02.26.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

02.26.5 Il-laqgħa ntemmet fis-16:55pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Awwissu 2019 fis-1:30pm.

Konfermati, illum 29 ta' Awwissu, 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

DOK 1.

# Pembroke Local Council at Local Councils

**From:** Desiree Vella Brincat <vellabrincatdesiree@gmail.com>
**Sent:** 22 July 2019 08:26
**To:** Pembroke Local Council at Local Councils
**Subject:** [EXTERNAL] -

Good morning

Please note that I'm unable to attend this months meeting as I'm unable to take time off from work.

Kind regards

Desiree

--

Dr. Desiree Vella Brincat B.Sc. (Hons), MD.

Kunsill Lokali
Pembroke
23 JUL 2019
46/2481/19/I

Dok. 2.

# Pembroke
# Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

**1st January till End of June 2019 (Quarter 2)**

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

The normal recurrent expenditure related to the services the Council is obliged to render in line with Section 33 of the Local Councils Act, on a number of initiatives were carried out.
All expenditure is within the Budget Estimates for said period.

**IFFIRMAT**

Dr. Dean Hili
Mayor

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
Executive Secretary

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of June 2019 (Quarter 2)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2019 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2019 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 235,447 | 485,069 | - | 485,069 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 2,793 | 3,000 | - | 3,000 |
| Income raised from LES (3) | 1,473 | 3,600 | - | 3,600 |
| Investment Income (4) | 22 | 120 | - | 120 |
| Other Income (5) | 4,165 | 100 | - | 100 |
| **TOTAL** | **243,900** | **491,889** | **-** | **491,889** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 39,963 | 97,876 | - | 97,876 |
| Operations and Maintenance (7) | 145,188 | 344,270 | - | 344,270 |
| Administration (8) | 14,931 | 32,950 | - | 32,950 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 68,144 | 16,793 | - | 16,793 |
| **TOTAL** | **268,227** | **491,889** | **-** | **491,889** |
| **Surplus / Deficit** | **(24,328)** | **0** | **-** | **0** |

## Statement of Financial Position as at end of June 2019 (Quarter 2)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2019 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2019 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 185,583 | 78,912 | | 78,912 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 1,618 | 1,500 | - | 1,500 |
| Receivables (12) | 29,791 | 4,000 | - | 4,000 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 531,298 | 521,893 | - | 521,893 |
| **Total Current Assets** | **562,707** | **527,393** | **-** | **527,393** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 120,805 | 53,000 | - | 53,000 |
| **Total Current Liabilities** | **120,805** | **53,000** | **-** | **53,000** |
| **Net Current Assets** | 441,902 | 474,393 | - | 474,393 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **627,485** | **553,305** | **-** | **553,305** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **627,485** | **553,305** | **-** | **553,305** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Current Assets | | 562,707 | 527,393 | - | 527,393 |
| Current Liabilities | | 120,805 | 53,000 | - | 53,000 |
| | **Working Capital** | 441,902 | 474,393 | - | 474,393 |
| Government Allocation | | 457,426 | 457,426 | - | 457,426 |
| | **FSI** | **97 %** | **104 %** | | **104 %** |

## Cash flow Statement

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2019 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2019 € |
|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | (24,328) | 0 | - | 0 |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 68,144 | 16,793 | - | 16,793 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | | | | - |
| Interest receivable | 22 | | | - |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| | | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | (5,570) | | | - |
| Increase / (Decrease) in accruals | 79,691 | | | - |
| Decrease / (Increase) in receivables | 257 | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **118,217** | **16,793** | - | **16,793** |
| Interest paid | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **118,217** | **16,793** | - | **16,793** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (102,296) | | | - |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | | | | - |
| Interest received | (22) | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **(102,318)** | - | - | - |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | - | - | - | - |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | **15,899** | **16,793** | - | **16,793** |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 479,807 | 500,000 | | 500,000 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **495,706** | **516,793** | - | **516,793** |

## Detailed Income

| | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2019 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2019 € |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | |
| 1 | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 In terms of section 55 CAP 363 | 228,713 | 457,426 | | 457,426 |
| | 0002-0004 In terms of section 58 CAP 363 | - | - | | - |
| | 0005-0019 Other income | 6,734 | 27,643 | | 27,643 |
| | | **235,447** | **485,069** | - | **485,069** |
| 2 | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 Community Services | | - | | - |
| | 0026-0035 Income from Permits | 2,793 | 3,000 | | 3,000 |
| | | **2,793** | **3,000** | - | **3,000** |
| 3 | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 Commission from Regional Committees | 1,473 | 3,600 | | 3,600 |
| | 0038-0055 Contraventions | | | | - |
| | | **1,473** | **3,600** | - | **3,600** |
| 4 | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 Bank interest | 22 | 120 | | 120 |
| | 0096-0099 Income received from Govermnet Securities | | - | | - |
| | | **22** | **120** | - | **120** |
| 5 | 0056-0065 Sponsorships | 1,500 | - | | - |
| | 0066-0069 Documents & Information | | - | | - |
| | 0070-0075 EU funds | | - | | - |
| | 0076-0080 Twinning | | - | | - |
| | 0081-0089 Insurance Claims | | - | | - |
| | 0100-0109 Donations | 1,000 | 100 | | 100 |
| | 0110-0119 Contributions | 152 | - | | - |
| | 0120-0129 General Income | 1,514 | - | | - |
| | | **4,165** | **100** | - | **100** |
| | **Total** | **243,900** | **491,889** | - | **491,889** |

## Detailed Expenditure

| | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2019 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € |
| **6 i)** | **Personal Emoluments** | | | | |
| | 1100 Mayor's Allowance | 4,234 | 7,584 | | 7,584 |
| | 1200 Employees' Salaries & Wages | 26,304 | 67,744 | | 67,744 |
| | 1300 Bonuses | 2,650 | 6,695 | | 6,695 |
| | 1400 Income Supplements | 190 | 380 | | 380 |
| | 1500 Social Security Contributions | 2,392 | 6,421 | | 6,421 |
| | 1600 Allowances | 3,200 | 6,400 | | 6,400 |
| | 1700 Overtime | 992 | 2,652 | | 2,652 |
| | | **39,963** | **97,876** | **-** | **97,876** |

| | DESCRIPTION | € | € | € | € |
|---|---|---|---|---|---|
| **7** | **Operations and Maintenance** | | | | |
| | 2100-2149 Public Utilities | 1,491 | 3,133 | | 3,133 |
| | 2200-2259 Public Materials & Supplies | 25 | 300 | | 300 |
| | 2300-2399 Repairs & upkeep | 47,274 | 131,250 | | 131,250 |
| | 2400-2449 Rent | 751 | 1,456 | | 1,456 |
| | 3010 Street Lightning | 7,849 | 8,000 | | 8,000 |
| | 3020 Lease of Equipment | | - | | - |
| | 3030 Insurance | 989 | 2,044 | | 2,044 |
| | 3035 Bank Charges | 127 | 200 | | 200 |
| | 3038 Penalties | | - | | - |
| | 3041 Refuse Collection | 25,341 | 52,101 | | 52,101 |
| | 3042 Bulky Refuse Collection | 6,508 | 14,400 | | 14,400 |
| | 3043 Bins on wheels | | - | | - |
| | 3045 Bring in sites | | 200 | | 200 |
| | 3051 Road & Street Cleaning | 9,833 | 20,429 | | 20,429 |
| | 3052 Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 11,644 | 19,262 | | 19,262 |
| | 3053 Cleaning of Public Conveniences | 2,244 | 4,524 | | 4,524 |
| | 3055 Cleaning of Council Premises | 1,300 | 2,400 | | 2,400 |
| | 3040 Waste Disposal | 6,125 | 26,400 | | 26,400 |
| | 3060 Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 9,108 | 16,856 | | 16,856 |
| | 3061 Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 8,527 | 19,262 | | 19,262 |
| | 3062 Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | - | | - |
| | 3063 Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | - | | - |
| | 6064 Other Contractual Services | 1,639 | 8,078 | | 8,078 |
| | 3070-3090 Consultation Fees | | 2,000 | | 2,000 |
| | 3100-3139 Contract & Project Management | | - | | - |
| | 3300-3379 Hospitality | 4,402 | 10,995 | | 10,995 |
| | 3380-3389 Community | - | 981 | | 981 |
| | 3390-3394 Donations | | | | - |
| | 3600-3694 Local Enforcement Expenses | 11 | | | - |
| | 3700-3799 EU Projects | | | | - |
| | 3800-3899 Twinning | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **145,188** | **344,270** | **-** | **344,270** |
| **8** | **Administration** | | | | |
| | 2150-2199 Office Utilities | 472 | 3,317 | | 3,317 |
| | 2260-2299 Office Materials & Supplies | - | 100 | | 100 |
| | 2450-2499 Office Rent | | - | | - |
| | 2500-2599 National & International Memberships | 280 | 1,100 | | 1,100 |
| | 2600-2699 Office Services | 2,184 | 3,295 | | 3,295 |
| | 2700-2799 Transport | 467 | 1,150 | | 1,150 |
| | 2800-2899 Travel | | - | | - |
| | 2900-2999 Information Services | 1,204 | 2,550 | | 2,550 |
| | 3050 Office Cleaning | | - | | - |
| | 3410-3199 Professional Services | 8,358 | 19,682 | | 19,682 |
| | 3200-3299 Training | 1,947 | 500 | | 500 |
| | 3345 Office Hospitality | | 1,000 | | 1,000 |
| | 3400-3499 Incidental Expenses | 19 | 256 | | 256 |
| | | | | | - |
| | | **14,931** | **32,950** | **-** | **32,950** |
| **9** | **Finance Costs** | | | | |
| | 3036 Interest on Bank Loan | | | | - |
| | | | | | - |
| | | - | - | - | - |

## Detailed Statment of Financial Position

| DESCRIPTION | | Actual for the Period € | Annual Budget 2019 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2019 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **10** | **Other Expenditure** | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of asset | | | | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - |
| 8000-8099 | Depreciation As at end of June 2019 | 68,144 | 16,793 | | 16,793 |
| | | | | | - |
| | | **68,144** | **16,793** | **-** | **16,793** |
| | **Total** | **268,227** | **491,889** | **-** | **491,889** |
| **11** | **Inventories** | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | | - | | - |
| 5250-5299 | Consumables | 1,618 | 1,500 | | 1,500 |
| | | | - | | - |
| | | **1,618** | **1,500** | **-** | **1,500** |
| **12** | **Receivables** | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 11,568 | 2,000 | | 2,000 |
| 0210-0219 | LES Receivables | | - | | - |
| 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | 18,223 | 2,000 | | 2,000 |
| | | | | | - |
| | | **29,791** | **4,000** | **-** | **4,000** |
| **13** | **Cash & Equivalents** | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 531,298 | 521,893 | | 521,893 |
| | | **531,298** | **521,893** | **-** | **521,893** |
| **14** | **Payables** | | | | |
| 4000 | Payables | 14,534 | 18,000 | | 18,000 |
| 4100 | Accruals | 106,271 | 35,000 | | 35,000 |
| 4150 | Deferred Income | | | | - |
| | Current portion of long term borrowings | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **120,805** | **53,000** | **-** | **53,000** |
| **15** | **Non Current Liabilities** | | | | |
| 4200 | Long Term Borrowing | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** |

16 Total Commitments (Recurrent and Capital)

| DESCRIPTION | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Recurrent and Capital | - | - | - |
| Long Term Loans | - | - | - |
| Others | - | - | - |

## 17 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| **Asset** | Furn & Fittings | Office Equipment | Urban Improvements | Construction | Trees | Plant & Machinery | Special Programmes | New Street Signs | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | 8% | 20% | 10% | 10% | 0% | 20% | 10% | 100% | 0% | |
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2019 | 24,745 | 55,309 | 638,369 | 622,449 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 11,787 | | 2,029,926 |
| Additions | | | 102,237 | | | 59 | | - | | 102,296 |
| Disposals | | | | | | | | | | - |
| As at end of June 2019 | **24,745** | **55,309** | **740,606** | **622,449** | **17,307** | **6,359** | **653,660** | **11,787** | - | **2,132,222** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2019 | | 7,351 | 228,413 | 51,423 | | | 653,923 | | | **941,110** |
| Additions | | | 61,271 | | | | | | | **61,271** |
| As at end of June 2019 | - | **7,351** | **289,684** | **51,423** | - | - | **653,923** | - | - | **1,002,381** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2019 | 18,511 | 41,341 | 245,528 | 552,909 | | 6,300 | (263) | 11,787 | | **876,113** |
| Charge for the period | 1,093 | 86 | 63,100 | 3,860 | | 6 | | | | **68,144** |
| Released on disposal | | | | | | | | | | - |
| As at end of June 2019 | **19,604** | **41,427** | **308,628** | **556,769** | - | **6,306** | **(263)** | **11,787** | - | **944,257** |
| **NBV** As at end of June 2019 | **5,141** | **6,531** | **142,294** | **14,257** | **17,307** | **53** | **(0)** | - | - | **185,583** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 18/2019**

**05 ta' Ġunju 2019**

# Jum Pembroke 2019

Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 4 ta' Ġunju 2019 fin-12:30pm fejn kienu preżenti s-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsillier Desiree Vella Brincat, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u s-sur Omar Elaref Arab (il-persuna li ġie elett Viċi Sindku għat-Tminn Leġislatura)

Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li:

1. Is-serata prinċipali ser tkun Serata Mużika Letterarja bit-tehma favur il-paċi,
2. Is-Sindku Dean Hili ser jipprovdi l-iskrizzjoni biex isir poster mis-sur Arab biex jitqassam fil-ħwienet u fuq Facebook fejn ir-residenti ser jingħataw sal-20 ta' Ġunju biex jissottomettu poeżiji u proża biex jinqraw f'Jum Pembroke,
3. Il-Kunsill javviċina lill-Orkestra tal-Junior College biex janimaw is-serata,
4. Is-Sindku Dean Hili ser jikkomunika mas-sur Adrian Grima biex jara jekk għandux xi siltiet mill-kumpilazzjoni li għadu kif ħareġ dwar 100 sena mis-7 Ġunju, li jkunu jistgħu jinqraw kif ukoll sabiex jara jekk jistax javviċina xi kittieba oħra li għandhom xi biċċiet letterarji li lesti jinqraw waqt is-serata,
5. Il-Kunsill għandu javviċina lis-sur Owen Bonnici bħala compare tas-serata,
6. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-AFM dwar il-possibilità li jiftħu l-barracks ta' Pembroke u forsi jkun hemm xi wirja statika, lis-sur Dennis Darmanin biex issir re-enactment tal-epoka ta' żmien l-Ingliżi, lil Old Motors / Military Vehichles Club fejn jiġu mistiedna jagħmlu wirja statika bil-vetturi tagħhom,
7. Li l-attività issir fil-parkeġġ li hemm quddiem il-Girl Guides,
8. Li l-Kunsill jitlob lill-Kappillan jipprovdi s-siġġijiet bi ħlas bħas-snin li għaddew,
9. Li l-Kunsill javviċina lis-sur Alan Pace biex iforni lill-Kunsill b'mementos fil-format ta' diġitali print tal-arloġġ ta' Pembroke fejn ikun hemm l-iskrizzjoni

B'rikonoxximent lill-****** f'għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali f'Pembroke għas-servizz l'ingħata lill-lokal bħala ***** bejn **** u ****,

10. Li dawn il-mementos jingħataw lill-membri tal-Kunsill li servew fil-25 sena li għaddew,
11. Is-Sindku Dean Hili għandu jikkomunika mal-General Softdrink dwar possibilità' li jkun hemm arranġament biex jisponsorjaw xi ikel għall-attività',
12. Is-sur Omar Elaref Arab offra li jekk jingħata d-dettalji huwa kien lest li jagħmel poster tal-attività,
13. Il-Kunsillier Charles Cesare u Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat irrakkomandaw li jekk il-print li ippropona s-Sindku tkun għolja, il-Kunsill għandu jikkunsidra xi forma oħra ta' memento bħal xi pinna kommemorattiva.

**Il-lista tal-persuni li ser jingħataw rikonoxximent huma:**

- Joseph Demicoli (Sindku 1994 – 1996)
- Gerald V Bilocca (Kunsillier 1994 – 1999)
- Joseph Zammit (Kunsillier 1994 – 1996 u Sindku 1999 - 2013)
- Mark Causon (Kunsillier 1994 – 1996 u 2013 - 2019)
- Ray Pace (Kunsillier 1994 – 2008)
- Gino Cauchi ( Sindku 1996 – 1999)
- Paul J. Baldacchino (Kunsillier 1996 – 1999 u Viċi Sindku 1999 – 2002)
- Mark Fenech Laudi (Kunsillier 1996 – 1999)
- Carmela Attard (Viċi Sindku 1999 – 1999 u Kunsillier 1999 – 2002)
- Pierre Cordina (Kunsillier 1999 – 2002)
- Carmel Bezzina (Viċi Sindku 2002 – 2005)
- Alfred Mazzitelli (Kunsillier 2002 – 2008 u Viċi Sindku 2008 - 2013)
- Franco Galea (Kunsillier 2002 – 2005)
- Charles Theuma (Kunsillier 2004 – 2005)
- Raymond Mizzi (Viċi Sindku 2005 – 2008)
- Evelyn Vella Brincat (Kunsillier 2005 – 2018)
- Lauro Fava (Kunsillier 2008 – 2013)
- Joe Brincat (Kunsillier 2008 – 2013)

- Dott. Dean Hili (Sindku 2013 – 2019)
- Raymond Lanzon (Viċi Sindku 2013 – 2019)
- Désirée Vella Brincat (Kunsillier 2018 – 2019)
- Charles Cesare (Kunsillier 2013 – 2019)

Il-laqgħa ntemmet fis-14:00.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 19/2019** **24 ta' Ġunju 2019**

# Vakanza ta' Skrivan/a

L-applikazzjonijiet għalqu nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2019. Mad-data tal-għeluq il-Kunsill rċieva 23-il applikazzjoni.

L-intervisti saru nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2019 fejn kienu preżenti għall-Kunsill is-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Wara li saru l-intervisti, il-bord qed jirrakkomanda li l-vakanza timtela mill-persuna li kiseb l-għola punteġġ, jiġifieri s-sur Alessandro Farrugia.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 20/2019** **23 ta' Lulju 2019**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 06/K7/19 u 02/K8/19

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 88 | 2019 | Mica Med | lampa W012 fi Triq Manuel Buhagiar mal-faċċata ta' dar 28 |
| 89 | 2019 | Mica Med | lampi maqtugħa W061 u W062 fi Triq Gabriele Henin |
| 90 | 2019 | B. Grima & Sons | 2 tabelli għall-parkeġġ għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq Martin Luther King fejn l-Institute of Education |
| 92 | 2019 | B. Grima & Sons | Mera fi Triq l-Imħallef William Harding faċċata ta' Triq Salvatore Castaldi |
| 93 | 2019 | Zarb Coaches | Servizz ta' trasport għall-ġurament għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2019 |
| 94 | 2019 | DOI | Avviz - Triq San Gorg Preca ser tkun magħluqa għat-traffiku |
| 95 | 2019 | Peter Micallef | Manutenzjoni tal-AC li jinsab fis-sala tal-Kunsill |
| 96 | 2019 | Junior College Orchestra | Jum Pembroke - orkestra |
| 97 | 2019 | Owen Bonnici | Servizz bħala preżentatur |
| 98 | 2019 | Mica Med | Lampa W010 fi Triq l-Imħallef William Harding ma' Blokk 7 |
| 99 | 2019 | Parroċċa Kristu Rxoxt | Jum Pembroke - 120 siggu |
| 100 | 2019 | Charles Micallef Swimming Pools | Tissupplixxi calcium hypochlorite, kimika kontra l-algea u filter |
| 101 | 2019 | Calleja Ltd. | Triq Pietro Rosell - 15 il-lampa LED |
| 102 | 2019 | TSS | Jum Pembroke - Palk, Sound, Dawl, Generator u Projector |
| 103 | 2019 | Sports Experience | 70 midalja għall-prezz ta' €1.10 il-waħda (size 50mm) |
| 104 | 2019 | Alan Pace | Jum Pembroke - 29 frame kommemorattiv |
| 105 | 2019 | DOI | Avviz - Triq Madre Margherita de Brincat ser tkun magħluqa għat-traffiku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 106 | 2019 | Abbey Printers | Tipprintja 20 poster A3 bil-kulur ta' Jum Pembroke |
| 107 | 2019 | Pembroke Athleta Athletics & Triathlon | Jum Pembroke Fun Run |
| 108 | 2019 | Comtec Services Ltd. | Kimika għal-kontra l-insetti |
| 109 | 2019 | AFS Limited | Tisupplixxi Nozzle F2803465 (Crown of Jets) |
| 110 | 2019 | Smart Office Supplies | Stationery |
| 111 | 2019 | B. Grima & Sons | Żebgħa u thinner |
| 112 | 2019 | David Mallia | Servizz ta' ritratti Jum Pembroke 2019 |
| 113 | 2019 | Stephen Gilson | Library AC maintenance |
| 114 | 2019 | Charlie Mifsud | Tissupplixxi 25 pjanta ta' Rosemarie u 3 bowsers. |
| 115 | 2019 | J&K Contractors | • Jiġi rranġat ħajt wara l-Knisja ta' Pembroke fi Triq Giorgio Mitrovich,<br>• Jiġi rranġat l'isfel minn Blokk 6 fi Triq Pietru Darmenia,<br>• Jiġi rranġat ħajt ħdejn l-entratura tal-MUSEUM fi Triq Tonna Barthet, u<br>• 4. Tipprovdi lill-Kunsill stima tal-ħsara li ġrat fi Triq ir-Reġimenti Maltin. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok6

**Internal Memo Referenza 21/2019** **23 ta' Lulju 2019**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 05/K7/19 u 02/K8/19

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 01/06/19 | The Grid Obstacle Course Race | Pembroke | Kevin Borg |
| 04/06/19 | Laqgha dwar Jum Pembroke 2019 | Pembroke | Dean Hili, Raymond Lanzon, Charles Cesare, Désirée Vella Brincat, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 06/06/19 | Mock session taċ-Ċerimonja tal-Ġurament | Valletta | Kevin Borg |
| 11/06/19 | Laqgha mal-Maestro Pirotta re Jum Pembroke 2019 | Pembroke | Kevin Borg |
| 13/06/19 | Laqgħa mas-sur Wallace Fino | Pembroke | Dean Hili, Raymond Lanzon, Charles Cesare, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 13/06/19 | Single-Use Plastic Products Strategy For Malta 2020-2030 | Qawra | Raymond Lanzon, Omar Elaref Arab |
| 17/06/19 | Adrain Grima re Jum Pembroke | Pembroke | Kevin Borg |
| 18/06/19 | Ċerimonja tal-Ġurament | Valletta | Dean Hili, Raymond Lanzon, Charles Cesare, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 19/06/19 | Laqgħa mas-sur Wallace Fino | Pembroke | Dean Hili, Raymond Lanzon, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 24/06/19 | Intervisti għall-post ta' skrivana | Pembroke | Dean Hili, Kevin Borg |
| 24/06/19 | Lifelong Learning Courses 2019-2020 - New Portal Training | Msida | Alison Grixti |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 25/06/19 | Upgrading road network around Pembroke | Luqa | Kevin Borg |
| 30/06/19 | Fun Run 2019 fl-okkazjoni ta' Jum Pembroke | Pembroke | Omar Elaref Arab |
| 02/07/19 | Laqgħa tal-Kunsill 01/K8/2019 | Pembroke | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Désirée Vella Brincat, Charles Cesare, Raymond Lanzon, Kevin Borg |
| 04/07/19 | Europe for Citizens Programme 2014-2020 | Sliema | Omar Elaref Arab, Raymond Lanzon |
| 04/07/19 | Jum Pembroke | Pembroke | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Désirée Vella Brincat, Charles Cesare, Raymond Lanzon, Kevin Borg |
| 11/07/19 | Laqgħa ma' Chris Galea | Pembroke | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 11/07/19 | Laqgħa ma Charles Mifsud | Pembroke | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 11/07/19 | Laqgħa mal-CM tal-Kunsill | Pembroke | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 11/07/19 | Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA | San Ġiljan | Kevin Borg |
| 15/07/19 | Faces - Bus Shelters inspection | Pembroke | Kevin Borg |
| 16/07/19 | Training Session on Good Governance | Sliema | Omar Elaref Arab, Kevin Borg |
| 16/07/19 | Laqgħa mal-AKL | Marsa | Dean Hili, Omar Elaref Arab, Raymond Lanzon, Kevin Borg |
| 19/07/19 | European Mobility Week 2019 | Lija | Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**